Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-14 ta' Marzu 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**

**Versus**

**George Borg**
**(0423661M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **George Borg,** 61 sena, iben Joseph u Melita nee' Camilleri, mwieled Pieta' fis-6 ta' Lulju 1961 u joqghod 7, Katei, Triq Guzeppi Xuereb ix-Xudi, Birkirkara, ID Card **0423661M**.

Akkuzat talli nhar it-23/10/2022 ghal-habta tas-19:15hrs gewwa Triq il-Kbira Birkirkara u gewwa dawn il-Gzejjer Maltin;

1. Naqas milli jobdi ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PS408 M. Schembri jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma halliex jew fixkel jew indahal waqt il-qadi ta' dmirijietu.

2. Saq jew ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura ta' ghamla Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni GAT-220 fi triq jew f'post pubbliku iehor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

3. Irrifjuta jew naqas milli jaghti kampjun tan-nifs tieghu wara li kien avzat li dan in-nuqqas jew rifjut kien reat,

4. Qal fil-pubbliku xi kliem oxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici, joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika.

5. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju.

Rat id-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi numru **wiehed (1), erbgha (4) u hamsa (5)** waqt is-seduta tal-14 ta' Frar 2023.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet numru **wiehed (1), erbgha (4) u hamsa (5)** miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi numru **wiehed (1), erbgha (4) u hamsa (5)** migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet numru **wiehed (1), erbgha (4) u hamsa (5)** migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi numru **wiehed (1), erbgha (4) u hamsa (5)** migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, rigward akkuzi numru **tnejn (2) u tlieta (3)** migjuba fil-konfront ta' l-imputat, l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq provi sufficjenti u ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi dawn l-akkuzi ma' gewx ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 13 u 338(bb)(dd)(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lil imputat **hati** ta' l-akkuzi numru **wiehed (1), erbgha (4) u hamsa (5) u qed tikkundanna lil imputat ghal-hlas t'ammenda ghas-somma ta' tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€ 58.23)**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat